MALTA

ATT Nru. XXXVIII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

ACT No. XXXVIII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Central Bank of Malta Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

31 ta' Ottubru, 1986

ATT Nru. XXXVIII ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (l) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ċertifikati ta' depożiti negozjabbli" għandhom jidħlu l-kliem "ċertifikati ta' depożiti negozjabbli, biljetti *floating rate* u dokumenti oħra bħal dawn"; u

(b) fil-paragrafu (mm) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ishma ta' *commodities* ikkwotati" għandhom jidħlu l-kliem "ishma ta' l-ewwel klassi denominati fi flus esteri konvertibbli u kwotati f'xi Stock Exchange stabbilit".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jew f'ishma ta' *commodities* ikkwotati" għandhom jidħlu l-kliem "u ishma ta' l-ewwel klassi denominati fi flus esteri konvertibbli u kwotati f'xi Stock Exchange stabbilit";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-partita (i) tiegħu, minflok il-kliem "depożiti negozjabbli" għandhom jidħlu l-kliem "depożiti negozjabbli, biljetti *floating rate* u dokumenti oħra bħal dawn"; u

(ii) fil-partita (I) tiegħu, minflok il-kliem "jew ishma ta' *commodities* ikkwotati" għandhom jidħlu l-kliem "u ishma ta' l-ewwel klassi denominati fi flus esteri konvertibbli u kwotati f'xi Stock Exchange stabbilit"; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kelma "ħmistax" għandha tidħol il-kelma "għaxra".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan il-paragrafu li ġej:

"(a) b'seħħ mis-sena finanzjarja 1985, dik il-porzjoni tiegħu, li ma tkunx inqas minn ħamsa fil-mija, kif il-Ministru jista' jiddeċiedi, lill-Fond għall-Posterità; u".

Emenda ta' l-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta, sakemm wieħed iqis l-interess nazzjonali,"; u

(b) minnufih fit-tmiem tas-subartikolu (9) tiegħu, għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda b'seħħ mis-sena finanzjarja 1985, fil-każ li l-bilanċi miżmumin taħt il-partita (iii) jew (iv) ta' dan is-subartikolu jilħqu l-Lm1.0 miljun, ma għandhomx isiru aktar allokazzjonijiet iżda dawk l-ammonti li jkunu żejda għandhom jiġu utilizzati għall-finijiet imsemmijin fil-partita (i) ta' dan is-subartikolu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 393 tat-28 ta' Ottubru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati